# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Frar 2020**

**Kawza Numru: 15**

**Rikors Guramentat Numru:-580/2019JVC**

**L-Avukat Dr Malcom Mifsud a nom u in rapprezentanza ta' Frances Nicholina Darran**

**vs.**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent l-Avukat Dr Malcom Mifsud nomine kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi is-Sinjura Frances Nicholina Darran twieldet gewwa Hal Tarxien nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru elf disgha mija u tlieta u erbghin (1943) u hija inghatat l-isem ta' Frances Nicholina Constant u dan kif jirrizulta minn l-Att

tat-Twelid mizmum fir-Registru Pubbliku li jgib in-numru tal-iskrizzjoni sitta tlieta disgha sitta (6396) tas-sena elf disgha mija u tlieta u erbghin (1943) (hawn anness u mmarkat bhala Dok.A);

2. Illi nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju elf disgha mija u wiehed u sittin (1961) is-Sinjura Frances Nicholina Darran izzewget lis-sur Brian George Prunty fil-knisja St Augustine Roman Catholic Church gewwa Tonbridge fil-County ta' Kent gewwa l-Ingilterra u hija addottat kunjomu u ghaldaqstant isimha inbidel ghal Frances Nicholina Prunty (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. B);

3. Illi dan iz-zwieg ma irnexxiex u il-konjugi Prunty iddivorzjaw nhar is-sitta (6) ta' Dicembru elf disgha mija u tnejn u sebghin (1972) u dan permezz ta' digriet tat-Tunbridge Wells County Court gewwa l-Ingilterra (digriet hawn anness u mmarkat bhala Dok. C). Illi dan l-imsemmi digriet sar assolut nhar it-tmintax (18) ta' Jannar elf disgha mija u tlieta u sebghin (1973) u b'hekk iz-zwieg gie iddikjarat xolt;

4. Illi fit-tlieta (3) ta' Marzu elf disgha mija u tliet u sebghin (1973) is-sinjura Darran izzewget lis-Sur William Hall fl-Ufficju tar-Registru fid-Distrett ta' Tonbridge gewwa il-County ta' Kent gewwa l-Ingilterra. Fil-mument taz-zwieg taghha mas-Sur William Hall, ir-rikorrenti kienet diga addottat il-kunjom Hall permezz ta' deed poll u ghaldaqstant hija zammet il-kunjom Hall wara iz-zwieg. Illi dan iz-zwieg gie debitament registrat gewwa Malta (kopja tal-att taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok.D);

5. Illi iz-zwieg bejn ir-rikorrenti u is-Sur William Hall ma irnexxhiex u permezz ta' digriet tat-Tunbrige Wells County Court gewwa l-Ingilterra (digriet hawn anness u mmarkat bhala Dok. E) datat nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Jannar elf disgha mija u tnejn u disghin (1992) id-divorzju ta'

bejniethom gie ippronunzjat. Illi dan l-imsemmi digriet sar assolut is-sittax (16) ta' Gunju elf disgha mija u tnejn u disghin (1992) u b'hekk iz-zwieg gie iddikjarat xolt. Illi dan id-divorzju ukoll gie debitament irregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u dan kif evidenzjat mill-annotazzjoni imnizzla fl-att taz-zwieg gia anness u mmarkat bhala Dok. D;

6. Illi wara id-divorzju ir-rikorrenti baqghet tuza il-kunjom Hall sakemm permezz ta' deed poll datat nhar l-erbatax (14) ta' Awwissu elfejn u tnejn (2002), ir-rikorrenti irrinunzjat ghal kunjom Hall u minflok addottat il-kunjom Darran. (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. F);

7. Illi ir-rikorrenti ghadha tuza il-kunjom Darran sal-gurnata odjerna u dan kif inhu evidenzjat mill-kopja tal-passaport taghha mahrug fl-Ingilterra (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. G);

8. Illi ir-rikorrenti tixtieq illi din il-bidla fil-kunjom taghha tigi rikonoxxuta anke gewwa pajjizna sabiex hija tkun tista' tapplika sabiex jinhargilha passaport Malti bil-kunjom illi hija maghrufa bih u illi ilu rikonoxxut mill-awtoritajiet Inglizi sa minn Awwissu tas-sena elfejn u tnejn (2002) u cioe' kwazi sbatax–il sena (17) sena;

9. Illi gewwa l-ingilterra kull persuna ghandha dritt illi taghmel tibdil f'isimha u kunjomha bl-aktar mod liberu u dan permezz ta' deed poll illi lanqas ma hemm il-htiega illi jigi registrat u deed poll huwa rikonoxxut bhala dokument illi ghandu sahha legali u b'hekk l-awtoritajiet jaccettaw tali bidliet fl-ismijiet u kunjomijiet tal-persuni u dan kif jidher mill-opinjoni legali miktuba avukat illi jippratika gewwa l-Ingilterra illi qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. H;

10. Illi a kuntrarju tas-suespost, l-Awtoritajiet Maltin ma jirrikonnux bidla fl-isem tal-isem jew kunjom tal-persuna permezz ta' deed poll awtomatikament u hija din l-Onorabbli Qorti illi ghandha is-setgha illi taghmel dan u ghaldaqstant ir-rikorrenti qieghda tipprezenta il-proceduri odjerni.

Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u necessarja, joghgobha;

1. Tordna u tirrikonoxxi illi r-rikorrenti validament biddlet kunjomha minn Hall ghal Darran u dan permezz tad-deed poll tal-erbatax (14) ta' Awwissu elfejn u tnejn (2002);

2. Tordna illi ir-rikorrenti ghandha tkun maghrufa gewwa Malta bil-kunjom Darran;

3. Tordna lil-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex tali tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-istat civili tal-esponenti.

Bl-ispejjez kontra id-Direttur intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi illi mill-atti li bihom huwa gie debitament notifikat, jidher li hemm nieqsa kopja tal-prokura necessarja li tistabilixxi illi l-Avukat Malcolm Mifsud huwa awtorizzat minn Frances Nicholina Darran sabiex jirrapprezentaha fil-proceduri odjerni;

2. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent jirrileva illi ma huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

3. Illi kif gie ben tajjeb iddikjarat fir-rikors guramentat, is-Sinjura Frances Nicholina Darran giet imwielda gewwa Malta. In

vista tal-fatt illi r-rikorrenti hija cittadina Maltija, ai termini tal-Artkolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hija ghandha d-dritt illi tirregistra dawk l-Atti tal-Istat Civili mahruga minn Awtoritajiet esteri gewwa Malta. Fid-dawl ta' dan, ir-rikorrenti rregistrat mad-Direttur konvenut iz-zwieg taghha ma' William Hall u kif ukoll id-divorzju taz-zwieg bejn l-istess partijiet, u dan proprju kif jixhed l-Att taz-Zwieg taghhom li jgib inn-numru ta' iskrizzjoni 293 tas-sena 2019;

4. Illi mir-registrazzjonijiet li saru mad-Direttur konvenut, ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrenti kif ukoll mill-Att tal-Istat Civili taghha hekk kif mahruga minnu, li kien effettivament sar xi zball jew saret ommissjoni mill-esponent;

5. Illi huwa minnu d-*deed polls* ma humiex regolati fil-ligi nostrana. Madanakollu, l-esponent ser jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

6. Illi finalment u dan minghajr hsara ghall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal tal-lum stess il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat;**

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat partikolarment 'id-deed poll' esebit;

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni;

Rat illi l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku giet irtirata fil-verbal tal-31 ta' Ottubru, 2019;

Illi mid-dokumentazzjoni kollha annessa il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrenti sabiex kunjomha jigi rikonoxxut bhala 'Darran' flok 'Hall' hija gustifikata partikolarment in vista illi llum hemm 'deed poll' fir-Renju Unit;

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti taghddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna u tirrikonoxxi illi r-rikorrenti validament biddlet kunjomha minn 'Hall' ghal 'Darran' u dan permezz tad-'deed poll' tal-erbatax (14) ta' Awwissu elfejn u tnejn (2002);

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li r-rikorrenti ghandha tkun maghrufa fid-dokumentazzjoni fil-poter tar-Registratur Pubbliku bil-kunjom 'Darran';

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lil-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex tali tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-istat civili tal-esponenti fil-poter tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku intimat partikolarment fic-certifikat bin-numru mitejn tlieta u disghin 293 tal-elfejn u dsatax (2019).

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16

tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**11 ta' Frar 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**11 ta' Frar 2020**